MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2016

Rikors Maħluf Numru: 1176/14 LM

**Coleiro General Supplies Limited** [C-3429]

**vs.**

**Sandringham Limited** [C-45819]

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjetà attriċi **Coleiro General Supplies Limited** (minn issa "is-soċjetà attriċi") ippreżentat fit-23 ta' Diċembru, 2014, li jaqra hekk:

*Il-Fatti tal-Każ.*

1 *Illi s-soċjetà intimata hija debitriċi tas-soċjetà esponenti fis-somma ta' disgħa u erbgħin elf, tmien mija u tnejn u disgħin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€49,892.87), ammont rappreżentanti l-prezz ta' fornitura u istallazzjoni ta' passenger lifts, u ta' fornitura ta' materjal tal-bini anke permezz ta' credit vouchers maħruġin minn terzi, kollox skont kif jirriżulta mill-istatement of account anness esebit u immarkat bħala Dok. A.*

*Ir-Raġuni għat-Talbiet*

2 *Illi minkejja illi s-soċjetà intimata ġiet interpellata sabiex tħallas din is-somma, inkluż permezz ta' ittra uffiċjali datata 14 ta' Awwissu, 2013 (kopja esebita u immarkata bħala Dok. B) liema interpellazzjoni saret inter alia għas-somma pretiża ta' disgħa u erbgħin elf, tmien mija u tnejn u disgħin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€49,892.87) kif dovuta mis-soċjetà intimata f'din il-kawża, Sandringham Limited, hija baqgħet inadempjenti u l-ammont għadu sal-lum dovut lis-soċjetà esponenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

3 *Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza tal-esponenti.*

*It-Talbiet*

*Tgħid għalhekk is-soċjetà intimata għaliex dina l-Qorti ma għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni jew provvediment ieħor meħtieġ u opportun:-*

*1 Tiddikjara illi s-soċjetà intimata hija debitriċi tas-soċjetà rikorrenti fis-somma komplessiva ta' disgħa u erbgħin elf, tmien mija u tnejn u disgħin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€49,892.87), jew ammont verjuri rappreżentanti l-prezz ta' fornitura u istallazzjoni ta' passenger lifts, u fornitura ta' materjal tal-bini anke permezz ta' credit vouchers maħruġin minn terzi.*

*2 Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lis-soċjetà rikorrenti l-imsemmija somma ta' €49,892.87 dovuta kif fuq premess.*

*Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata 14ta' Awwissu, 2013, u imgħaxijiet kummerċjali s-soċjetà intimata li tiġi minn issa inġunta għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa ppreżentata fil-5 ta' Frar, 2015 mis-soċjetà konvenuta **Sandringham Limited** (minn issa "is-soċjetà konvenuta") li eċċepiet dan li ġej:

1. *Illi preliminarjament in-nullità ta' dan ir-Rikors Ġuramentat stante illi fuq l-istess mertu hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), l-Avviż li jġib in-numru 346/2014 FDP, intavolat fit-22 ta' Ottubru, 2014, fl-ismijiet "Coleiro General Supplies Limited vs. Claude Grima";*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet attriċi huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2148 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet attriċi huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2149 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-esponenti mhijiex debitriċi tas-soċjetà attriċi fl-ebda ammont.*

6. *Salv occorendo eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost l-esponenti umilment u bir-rispett titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tal-attriċi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

Semgħet lill-avukati tal-partijiet jittrattaw il-kawża.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-1 ta' Ġunju, 2016 fejn il-kawża tħalliet għas-seduta tal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**<u>L-ewwel eċċezzjoni</u>**

Illi l-kawża fl-ismijiet **Coleiro General Supplies Limited vs. Claude Grima** imsemmija fl-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta mhix kontra tagħha imma kontra terza persuna – anke jekk Claude Grima huwa direttur tal-istess soċjetà konvenuta – u hija dwar bejgħ u istallazzjoni ta' lift fi proprjetà differenti minn dik fejn sar il-lift mertu ta' din il-kawża. Għalhekk m'hemm l-ebda *lis alibi pendens*, għaliex la hemm l-*eadem res* u lanqas l-*eadem personam.*

**<u>It-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjoni</u>**

Illi l-Qorti tinnota li għalkemm fin-nota tal-eċċezzjonijiet is-soċjetà konvenuta tistrieħ prinċipalment fuq għadd ta' perijodi ta' preskrizzjoni, u fil-mertu tiddefendi ruħha biss b'mod ġeneriku għall-aħħar fis-sens li l-ammont pretiż mhux dovut, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha taċċenna biss *en passant* għall-preskrizzjoni ta' sentejn u ma ssemmi xejn iktar fir-rigward.

Illi t-tieni u t-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta ma jistgħux jintlaqgħu għax ma ġiex ikkwotat is-subinċiż tagħhom li fuqu qiegħda tistrieħ is-soċjetà konvenuta:

> "Dan premess, jirriżulta mill-verbal a fol. 25 dan li gej: "Dr. Ian Spiteri Bailey għal konvenut jeċċepixxi ulterjorment il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148 tal-Kapitolu 16". Konċepita b'dan il-mod ma jidhirx li l-preskrizzjoni eċċepita tista' tiġi akkolta. F'dan il-Qorti ma tistrieħx sempliċiment fuq l-awtorità tagħha iżda għandha s-sostenn tal-liġi u r-riflessjoni magħmula mill-Qorti tal-Appell, sede Kummerċjali, fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Joseph Grech vs. Emanuele Camilleri *et***, 21 ta' Marzu 1977. Anke jekk f'dan il-każ il-Qorti kienet qed tikkonsidra l-preskrizzjoni mogħtija skont Artikolu 2149, il-kunsiderazzjoni hemm akkordata tgħodd ugwalment għall-każ in ispeċje. A propożitu ġie hemmhekk osservat illi "l-eċċepita preskrizzjoni bjennali mhix indikata b'mod suffiċjentement ċar u speċifiku bl-indikazzjoni tal-Artikolu 2254 (illum Artikolu 2149) tal-Kodici Ċivili, li f'ben ħames inċiżi distinti jipprospetta l-preskrizzjoni ta' azzjonijiet għalkollox differenti waħda mill-oħra... Din il-Qorti, b'liġi, ma tistax *ex officio* tagħti effett għall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eċċepita mill-parti interessata" (Artikolu 2216, fil-preżent Artikolu 2111 tal-Kodici Ċivili) u m'għandhiex, għalhekk, tfittex biex tara hix applikabbli għall-każ xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx ġiet indikata b'mod ċar u espliċitu minn min jinvokaha (ara **Kollez. Vol. XXXIII P I p481**; **Vol.XXXIV PI p410** u **Vol.XL PI p170**)";
>
> Rigwardata taħt dan il-profil, fejn ukoll fl-Artikolu 2148 għandek ben sitt inċiżi, din il-Qorti ma tistax ħlief tirriġetta l-preskrizzjoni invokata billi, kif formulata, ma tikkorrispondix għal dak li trid il-liġi u mhux il-każ li l-Qorti toqgħod tfittex għal liema waħda mill-azzjonijiet prospettati fil-predett artikolu kien qed jalludi l-appellanti."[1]

Illi fi kwalunkwe każ hemm raġuni oħra l-għala r-raba' eċċezzjoni ma tistax tiġi milqugħa, u ċjoè minħabba li t-terminu ta' ħames snin ta' preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2156 ma ddekorriex għaliex ġie interrott permezz tal-ittra uffiċjali datata 14 ta' Awwissu, 2013.

---

[1] **Advanced Telecommunications Systems Co. Ltd vs. Anthony Calleja**, Appelli Inf. 04.10.2006.

**Il-ħames eċċezzjoni**

Illi fil-mertu, s-soċjetà konvenuta teċċepixxi permezz tal-ħames eċċezzjoni tagħha b'mod ġeneriku li mhijiex debitriċi tas-soċjetà attriċi. Jirriżulta li s-soċjetà konvenuta hija proprjetarja ta' blokk appartamenti ġewwa St. Albert Street, Gżira, li hija xtrat permezz ta' kuntratt tal-4 ta' Frar, 2009.[2] Il-kostruzzjoni ta' dan il-blokk ta' appartamenti saret minn JOT Limited, li għandha l-istess diretturi tas-soċjetà konvenuta, Claude Grima u Paul Pisani. Is-soċjetà attriċi Coleiro General Supplies Limited forniet lis-soċjetà konvenuta Sandringham Limited permezz ta' *credit notes* konsistenti f'materjal tal-bini assenjati favur is-soċjetà konvenuta ta' €15,000 u €11,647 rispettivament, kif ukoll installat lift għall-prezz ta' €23,246 fl-imsemmi proġett ta' żvilupp proprjetà tas-soċjetà konvenuta, total ta' €49,893, maħruġin mis-soċjetà attriċi.[3]

Illi skont Louis Coleiro, direttur tas-soċjetà attriċi, is-soċjetà konvenuta qatt m'għamlet pagament akkont.[4] Jean Claude Grima jiċħad din l-istqarrija u jsostni li "fil-fatt is-soċjetà Sandringham għamlet żewġ pagamenti lil Pamaco Properties Limited u dan kif jirriżulta minn kopja tad-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dokument SJ".[5] Dan l-aħħar dokument huwa kopja ta' ċekk maħruġ favur Pamaco Properties Limited fl-ammont ta' €29,000. Louis Coleiro, waqt il-kontroeżami, fisser li dan l-ammont kien rifużjoni parzjali mill-

[2] Ara kuntratt a fol. 81
[3] Affidavit ta' Louis Coleiro, direttur tas-soċjetà attriċi.
[4] A fol. 45 tal-proċess.
[5] Para. 8 tal-affidavit ta' Jean Claude Grima a fol. 92. Dokument SJ jinstab a fol. 128.

amont ta' €186,000 li Pamaco Properties Limited kienet ħarġet bħala l-kontribut tagħha għall-*joint-venture* bejn Pamaco Properties Limited u Sandringham Limited, meta nbigħu żewġ garaxxijiet bil-prezz ta' €45,000[6] u mhux bħala ħlas lis-soċjetà attriċi. Għalhekk ma jirriżultax li s-soċjetà attriċi tħallset l-ammonti reklamati minnha permezz ta' din il-kawża.

Għaldaqstant din il-Qorti tinsab sodisfatta illi filwaqt li s-soċjetà attriċi ppruvat li s-soċjetà konvenuta hija debitriċi lejha, din tal-aħħar ma ppruvatx li ħallset lis-soċjetà attriċi d-debitu dovut. Kif tajjeb intqal mill-Qorti tal-Appell, fis-sentenza fl-ismijiet **Carmen Taliana vs. Leonard Vassallo Cesareo *et***[7]:

> "*Qua* kreditriċi, l-attriċi hi fid-dmir li tipprova li jeżisti debitu, li dan id-debitu għadu dovut, u li d-debitriċi tagħha baqgħet inadempjenti fil-ħlas. Hu biss meta tiġi realizzata u sodisfatta din il-prova illi mbagħad l-oneru jisposta fuq il-konvenuti debituri li jallegaw il-pagament. Dan il-prinċipju għandu l-fondament tiegħu fuq il-bażi li kulħadd għandu jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu. Kif deċiż, "fil-każ ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, ċioè, l-attur l-esiġibilità u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-prinċipju '*actore non probante reus absolvitur*'" - **Manuel Zerafa vs. Nazzareno Muscat Scerri**, Qorti Ċivili, Prim' Awla, per Imħ. Maurice Caruana Curran, 27 ta' Mejju, 1970".

Intqal ukoll fis-sentenza **Andrew Dalli vs. Michael Balzan**:

> "Hi fil-fatt ġurisprudenza paċifika illi min jallega l-pagament għandu jippruvah għas-sodisfazzjon tal-Qorti **(Vol. XLIX.ii.776).** Fid-dubju u fin-nuqqus ta' riċevuta għandha tipprevali l-presunzjoni Ii d-dejn ma tħallasx **(Vol. XXXVII P I p 525),** jekk ma jiġix pruvat - kif del resto ma sarx f'dan il-kaz - b'mezzi oħra Ii l-attur huwa

[6] Fol 150 u 151
[7] 03.11.2004, App. Inf.

sodisfatt **(Vol. XXXV.ii.604; Desmond Mizzi noe vs. Patrick Filletti pro et noe,** Appell, 28 ta' Jannar, 2000)".[8]

**Decide**

**Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda:**

**(1) Tiċħad l-ewwel, it-tieni, it-tielet, u r-raba' eċċezzjoni;**

**(2) Tiċħad il-ħames eċċezzjoni u tilqa' l-ewwel talba attriċi billi tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tas-soċjetà attriċi fis-somma komplessiva ta' disgħa u erbgħin elf, tmien mija u tnejn u disgħin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€49,892.87), rappreżentanti l-prezz ta' fornitura u istallazzjoni ta' *passenger lift,* u fornitura ta' materjal tal-bini anke permezz ta' *credit vouchers* maħruġin minn terzi;**

**(3) Tikkundanna lis-socjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi l-imsemmija somma ta' €49,892.87 dovuta kif fuq premess;**

**Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tal-14 t'Awwissu, 2013 u bl-imgħax legali mid-data tal-ittra uffiċjali sad-data tal-eventwali ħlas effettiv a karigu tas-soċjetà konvenuta.**

[8] 31.01.2003 PA(PS).

Moqrija.